Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 13/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 20 t' Ottubru 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post – Uffiċċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Triq Santa Marija Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Assenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**13. 1 Ittri ta' Apoloġija**

13.1.1 Il-President irringrazzja lil dawk kollha li setgħu jattendu għal-laqgħa. Talab sabiex is-Sur Alfred Zammit ikun skużat mil-laqgħa minħabba impennji personalli. Semma li s-Sur Pierre Dalli kien informa li ser jattendi biss pero jidher li jew ġej tard għal-laqgħa jew inqalgħulu impennji oħra. Semma li s-Sur John Boxall ma nfurmax li mhux ser jattendi u għaldaqstant jiġi mmarkt bħala assenti.

13.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-kumitat qabel ma' dak propost.

**13.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.11**

13.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 11 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**13.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urgenza Nu.12**

13.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa b' urgenza Nu. 12 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**13.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 11**

| | |
|---|---|
| **13.4.1 Ħaddiema RSSL** | Il-President semma li l-ħaddiema tal-kostruzzjoni qegħdin assenjati mal-Kunsilli Lokali sa Jannar 2023. Semma li jekk hemm Kunsilli Lokali jixtiequ jaħdmu xi xgħolijiet tal-ħadid jinfurmawh ħalli jkun jista' jibgħat l-grupp l-ieħor. |
| **13.4.4 Kontijiet tad-Dawl u ilma – Tribunal** | Il-President semma li dawn il-kontijiet għadhom pendenti peress li huwa ma hux qed jaqbel mal-formula li nħadmu dawn il-kontijiet. Semma wkoll li fil-klawżola fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet turi biċ-ċar li kontijiet ta' dawl għandhom jitħalsu mir-Reġjun dirrettament lil ARMS ltd.<br>Il-President semma wkoll li wara l-aħħar xita li għamlet, saret ħafna ħsara peress li l-binja mhux qed tinżamm fi stat ta' manutenzjoni tajjeb. |
| **13.4.5 Sejħa għal ġbir tal-iskart** | Il-President semma li minn informazzjoni li għandu peress li ħadd mir-Reġjuni m'huwa qiegħed fuq il-Board tal-Evalwazzjoni, is-sejħa tal-Port għadha qed tiġi evalwata u waslu fi stadju li bagħtu xi kjarfiki lill-kuntratturi. |
| **13.4.6 Konsultazzjoni – Strateġija għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li jħossu disħjaċut kif ir-Reġjun Port kellu jingħaqad ma' Reġjun ieħor biex issir din il-konsultazzjoni. Semma li minkejja li dan inġib għall-attenzzjoni tas-Segretarjat baqa' mingħajr rispost. Semma li huwa ħass li r-Reġjun Port kellu jikkonsulta bħala Reġjun kif kellhom opportunita' li jagħmlu Reġjuni oħrajn. Semma li mhux talli hekk talli l-organizazzjoni tal-post tħalliet f' idejn ir-Reġjun l-ieħor u għaldaqstant, ir-Reġjun Port bħal donnu ma ġiex afdat li jorganizza din is-sessjoni huwa. Semma wkoll li minkejja li kien hemm qbil bejn ir-Reġjuni sabiex tintuża s-sala tal-assoċjazzjoni ġewwa l-Marsa, xi ħadd mar ibiddel il-venue għal oħra ġewwa Ħal-Qormi mingħajr komunikazzjoni.<br>Il-President ipropona li r-Reġjun għandu jiddeċiedi jekk jattendiex għal din il-laqgħa. Fuq proposta tal-President kien hemm qbil li ladarba Reġjuni oħra ingħtaw iċ-ċans li jikkonsultaw bħala Reġjun u mhux grupp ta' Reġjuni, ir-Reġjun Port kellu jiġi trattat bl-istess mod. Għaldaqstant, |

fuq proposta tal-President, ilkoll qablu li għandhom jinfurmaw lis-Segretarjat li kellhom jastjenu minn din il-laqgħa.

**13.4.7 ESF Fund żjara ġewwa Marseille**

Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni ma' Marseille sabiex delegazzjoni ta' 3 Sindki jkunu jistgħu jmorru jiltaqgħu ma' Uffiċjali tal-Kultura u anki Sindki u persuni distinti. Semma li d-dati proposti kienu wisq viċin u għaldaqstant, id-delegazzjoni li kienet sejra ma ratx li huw apossibbli li jattendu anki minħabba pjanar ta' leave mix-xogħol tagħhom.

**13.5 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu 12**

**13.5.1 Post Vakant ta' Deputat Reġistratur**

Il-President semma li eżattament wara l-Laqgħa li saret apposta b' urgenza, il-kandidata ġiet notifikata li ntgħażlet mill-board. Semma li sfortunatament, il-kandidata infurmat lir-Reġjun li mhux lesta tieħu l-poizzjoni ta' Deputat Reġistratur. Il-President semma li dan ifisser li ladarba titlaq b' unpaid leave il-ħaddiema li hemm mislufa mid-Diviżjoni u li bħal issa qiegħda assenjata bħala Aġent Deputat Reġistratur, it-Tribunal ikollu jagħlaq.

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv li sa minn kmieni il-ġimgħa l-oħra kienet bdiet komunikazzjoni mal-Kummissarju tal-Ġustizzja u anki mad-Direttur Ġenerali biex flimkien jippruvaw issibu soluzzjoni fl-immeddjat.

Il-President semma ukoll li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet ijlha tisħaq li għandu jinħadem pjan ħolistiku sabiex jisalvagwarda l-operat ta' Tribunali biss pero minkejja d-diversi notifiki li ntbgħatu d-dati għall-laqgħat damu ħafna ma ġew milqgħuha.

**13.6 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 10**

13.6.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vince Borg u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Settembru 2022 u l-20 t' Ottubru 2022 li kienet tammonta għall-€18,726.19.

**13.7 Viċi President Reġjun Port**

13.7.1 Is-Sur Wayne Aquilina propona lis-Sur Dominic Grima sabiex jinħatar bħala Viċi President.

13.7.2 Fuq proposta tas-Sur Aquilina, issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva unimament li s-Sur Grima jinħatar Viċi President tar-Reġjun Port.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

**13.8 Komunikazzjoni oħra mill-President**

| | |
|---|---|
| **13.8.1 Protest Ġudizzjarju mill-ex Segretarju Eżekuttiv** | Il-President semma li r-Reġjun irċieva protest ġudizzjarju mingħand l-ex Segretarju Eżekuttiv. Il-President semma li kopja tal-protest għaddiet għand l-avukat sabiex jieħu l-azzjoni li hemm bżonn. |
| **13.8.2 Post Vakant Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port** | Il-President semma li minħabba li fil-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi issa wara erba' snin is-Segretarji jieu status ta' Uffiċjali Pubbliċi, ir-Reġjun jew il-Kunsilli ma jistgħux joħorġ s-sejħa huma imma din tinħareġ mid-Diviżjonai għall-Gvern Lokali. Semma li din ser tkun qed tinħareġ nhar 21 t' Ottubru 2022. Semma li wara li jingħalqu l-applikazjonijiet, l-applikanti jiġu shortlisted mid-Diviżjoni sabiex jaraw li huma eliġibbli. Semma li wara din il-lista tiġi approvata mill-PSC tgħaddi għand ir-Reġjun sabiex jagħmel l-intervisti. |
| **13.8.3 CrAFt cities – Horizon Europe** | Il-President semma li flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Gżira u r-Reġjun tal-Lvant, Reġjun Port kien ser jipparteċipa fil-proġett CrAFt cities. |
| **13.8.4 Ħlas ta' skemi lill-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li r-Reġjun kien qed jirċievi ammont ta' korrispondenza mid-Direttorat tal-Iskemi fi ħdan id-Divijoni għall-Gvern Lokali sabiex iħallas skemi dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-President fakkar li r-Reġjun kien iffirma kuntratt flimkien mas-Segretarju Parlamentari li għal liema skemi huma allokati l-fondi li d-Diviżjoni għaddiet lir-Reġjun. Il-President informa li issa r-Reġjun qe djintalab iħalllas skemi li ma kienux fil-kuntratt oriġinali u gaħldaqstant għall-fini ta' korrettezza, ir-Reġjun qed jitlob li dak il-kuntratt jiġi emendat sabiex jirrifletti l-ħlasijiet li r-Reġjun qed jagħamel. |
| **13.8.5 Użu alternattiv ta' materjal għat-toroq sabiex itaffi l-ħsejjes - ERA** | Il-President semma li kien irċieva mill-AKL dokument ta' kunsultazzjoni mill-ERA sabiex ir-Reġjuni flimkien mal-AKL joħorġu l-proposti tagħhom. Il-President semma li dan id-dokument għadda għand l-Uffiċjal tal-Ambjent tar-Reġjun u ħejjiet ir-rispons f' isem ir-Reġjun. |
| **13.8.6 Skema Latrini Awtomatiċi** | Il-President semma li kienet gaħda kemm ħarġet skema mid-Direttorat tal-Iskemi fi ħdan il-Gvern Lokali sabiex ir-Reġjun ikun jista' japplika u l-Kunsilli Lokali jibbenifika minn fond sabiex bih isiru latrini awtomatiċi. Wara diskussjoni interna, il-Kumitat qabel li għandu jibgħat kjarifiċi li tqajjmu |

lid-Dipartiment u jipposponi d-deċiżjoni sal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

**13.9 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Tielet Kwart tas-sena 2022**

13.9.1 Il-President ppreżenta r-Rapport Finanzjarju.

13.9.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-kumitatt qabel li japprova r-rapport hekk kif preżentat.

**13.10 Aġġornament**

13.10.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022 fil-17:30 online.

13.10.2 Il-President irringrazzja lil dawk kollha li attendew u talab li minħabba saħtu għalissa l-laqgħat ser jinżammu online.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Sa Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv